MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Numru. 1012/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Micallef]**

**vs**

**Diana Meilaq**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Diana Meilaq detentrici tal-karta tal-identita` numru 168585(M).

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1. talli bejn ix-xhur ta' Jannar 2010 u Frar 2010 u/jew fiz-zmien ta' qabel u/jew tul is-sena 2010, f'dawn il-Gzejjer u minn gewwa d-dar tal-anzjani bl-isem Sa Maison Retirement Home, sitwat fi Triq ix-Xatt, Pietà, ikkommettiet serq ta' flus (€200) ghad-detriment ta' Maria

Pace, anzjana ta’ 77 sena, liema serq huwa kkwalifikat, bil-persuna u bil-lok;

2. talli bejn ix-xhur ta’ Gunju 2010 u Settembru 2010 u/jew fiz-zmien ta’ qabel u tul is-sena 2010, f’dawn il-Gzejjer ikkommettiet serq ta’ flus ghad-detriment ta’ Giorgia Ebejer, anzjana ta’ 94 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37), bil-persuna u bil-lok;

3. talli fix-xahar t’Awissu 2010 u/jew fiz-zmien ta’ qabel u/jew tul is-sena 2010, f’dawn il-Gzejjer u minn gewwa d-dar tal-anzjani bl-isem Sa Maison Retirement Home, sitwata fi Triq ix-Xatt, Pietà kkommettiet serq ta’ flus ghad-detriment ta’ Mary Darmanin, anzjana ta’ 74 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok;

4. talli fix-xahar ta’ Settembru 2010 u/jew fiz-zmien ta’ qabel u/jew tul s-sena 2010, f’dawn il-Gzejjer u minn gewwa d-dar tal-anzjani bl-isem Sa Maison Retirement Home, sitwata fi Triq ix-Xatt, Pietà kkommettiet serq ta’ gojjelerija ghad-detriment ta’ Carmena Bonello, anzjana ta’ ‘l fuq minn sittin sena liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok;

5. talli nhar it-8 t’Ottubru 2010, f’dawn il-Gzejjer u cioè minn gewwa d-dar tal-anzjani bl-isem Sa Maison Retirement Home, sitwata fi Triq ix-Xatt, Pietà kkommettiet serq ta’ flus ghad-detriment tal-ahwa anzjani Giorgia u Rosina Schembri anzjani ta’ ‘l fuq minn 80 sena, liema serq huwa kkwalifikat, bil-persuna u bil-lok;

6. talli nhar id-19 ta’ Novembru 2010 ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija (18:00 hrs) f’dawn il-Gzejjer u minn gewwa d-dar tal-anzjani bl-isem Sa Maison Retirement Home, sitwata fi Triq ix-Xatt, Pietà kkommettiet serq ta’ gojjelerija ghad-detriment ta’ Mary Magro anzjana ta’ ‘l fuq minn 60 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna, bil-lok u bil-hin.

Rat l-ezami li wiegbet hatja ghall-akkuzi migjuba kontra taghha u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex ttkun tista tirregola ruhha; u

Rat il-fedina penali tal-imputata li hija netta.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b), 31, 267, 270, 279(a), 280(1) u 281(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputata Diana Meilaq hatja akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qeghda tikkundannha sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Finalment, spejgat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------